**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Gunju 2024**

**Kawża Numru: 8**

**Rikors Guramentat Numru:- 154/2023 JVC**

**Graziella Attard (KI: 484981M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali illi permezz tieghu r-rikorrenti Graziella Attard talbet kif isegwi:

'1. Permezz tal-proċeduri kriminali bl-Att t'Akkuża Nru. 10/2007 fl-ismijiet 'Ir-Reppublika ta' Malta v. Roberto Conte u Graziella Attard', ir-rikorrenti tinsab akkużata bil-kommissjoni ta' varji delitti maħsuba taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Nhar is-6 ta' Novembru 2004, *ossia* **dsatax (19)-il sena ilu**, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ordnat, fuq talba magħmul mill-Prosekuzzjoni, l-iffriżar tal-assi kollha tar-rikorrenti a tenur tal-artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Il-posiżjoni legali fis-sena 2004 kienet li l-ħruġ ta' Ordni t'Iffriżar kien wieħed tassativ, u tali ordni li jolqot kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli tal-persuna mixlija, jrid bilfors **jibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali.** Dan effettivament iffisser li r-rikorrent ma kellha u ma għandha l-ebda mezz sabiex tikkontesta dan l-Ordni, u ġiet impoġġija f'posizzjoni mill-Istat li tibqa' tissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tagħha fis-sena 2004 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat fil-frattemp;

4. Ix-xenarju llum il-ġurnata huwa differenti. Il-ħruġ *o meno* ta' Ordni ta' Iffriżar ma għadux wieħed tassativ fuq il-Qorti. Bl-emendi li daħlu fis-seħħ bl-Att Nru. IV tal-2014, l-istat attwali tal-liġi jagħti s-setgħa ta' reviżjoni lil Qorti Kriminali u dan in forza ta' dak previst fl-artikolu 22A (7), (8) u (9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. B'dawn l-emendi, kemm l-Avukat Ġenerali u kif ukoll il-persuna mixlija issa għandhom il-fakolta' li jadixxu lill-Qorti Kriminali sabiex din il-Qorti rispettivament toħroġ jew tirrevoka Ordni ta' Iffriżar. Is-subinċiż (9) tal-artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-

Liġijiet ta' Malta huwa dak li partikolarment jikkonċerna lil persuna imputata u li għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb jistipula testwalment hekk:

> "(9) l-imputat jista' fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data li tkun saret l-ordni taħt is-subartikolu (7) jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tiġi revokata l-ordni, sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tiġix revokata mill-Qorti Kriminali."

6. Dawn l-emendi saru *in linea* ma' dak maħsub fid-Direttiva 2014/42/EU li taħseb f'dan il-jedd fis-subinċiż (4) tal-artikolu 8 li jiddispondi hekk:

> "4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbilita' effettiva li l-persuna li l-proprjeta' tagħha tkun ġiet affettwata **tikkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem qorti, f'konformita' mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali.** Tali proċeduri jistgħu jipprevedu li meta l-ordni ta' ffriżar inizjali tkun ittieħdet minn awtorita' kompetenti li ma tkunx awtorita' ġudizzjarja, tali ordni l-ewwel għandha tintbagħat għall-validazzjoni jew ir-rieżami lill-awtorita' ġudizzjarja qabel ma tkun tista' tiġi kkontesta quddiem qorti."

7. B'hekk illi llum il-liġijiet kollha in materja jipprospettaw dik is-sitwazzjoni fejn il-Qorti Kriminali tista' tissindika l-Ordni *ossia* jew tiċħad it-talba jew inkella ma tipproċedix minnufih għal ħruġ tal-Ordni. Tipprospetta wkoll il-jedd tal-persuna mixlija li titlob lil

Qorti Kriminali tirrevoka d-deċiżjoni għall-ħruġ tal-Ordni t'Iffriżar[1];

8. Sfortunatament, billi l-Ordni ta' Iffriżar impunjat f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali ġie mpost fuq ir-rikorrenti fis-sena 2024, l-istess rikorrenti ma setgħetx (u ma tistax illum il-ġurnata) tużafruwixxi ruħha mill-qafas leġislattiv introdott bl-Att Nru. IV tal-2014 u dana proprju għaliex l-Att Nru. IV tal-2014 ma kien jinkludi ebda disposizzjonijiet transitorji li jrendu applikabbli, wara perjodu ta' żmien speċifikat, l-emendi hemm introdotti;

9. Dan a kuntrarju, għal fini ta' eżempju, tas-sitwazzjoni li kien ġab miegħu l-Att XXIV tal-2014 fejn l-akkużat f'kawżi tad-droga kellu xahar żmien mid-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida sabiex jikkontesta d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Avukat Ġenerali sabiex huwa jiġi iġġudikat mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

10. Dan in effetti jfisser li filwaqt li fil-konfront ta' individwi li qegħdin illum jiġu mixlija b'akkużi kriminali, l-Ordni t'Iffriżar ma għadux tassativ, **<u>fil-konfront tar-rikorrenti kien u baqa' tassativ</u>**;

11. Kwindi, individwi bħar-rikorrenti ma għandhom ebda' rimedju sabiex legalment jikkontestaw il-validita' ta' dina l-Ordni sakemm il-proċeduri mnedija kontrihom quddiem il-qorti ta' kompetenza kriminali tkun għadha miexja, u li sakemm ordni bħal dak ikun għadu fis-seħħ. Huwa fl-umili fehma tar-rikorrenti nkonċepibbli kif fis-sena 2023, persuna affetwata b'Ordni t'Iffriżar, li ilu impost fuqha **<u>għal dsatax (19)-il sena sħaħ</u>**, ma għandha l-

[1] Kif sar permezz ta' diversi digrieti mogħtija mill-Qorti Kriminali, fosthom dak mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Progress Press Limited et'</u>**, datat nhar it-30 ta' Ġunju 2021, dak mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>'Ir-Reppubblika ta' Malta v. Pilatus Bank Plc u Claude-Ann Sant Fournier'</u>**, datat nhar it-23 ta' Settembru 2021 u dak mogħti fil-proċeduri: **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Anthony Fort Farrugia u Patrick Demanuele'</u>**, datat nhar it-28 ta' Novembru 2021.

ebda dritt fil-liġi li ssemma leħinha u tattaka t-teżi tal-Avukat Ġenerali in kwantu l-ħtieġa tal-istess Ordni;

12. U din il-mankanza fil-liġi *di fatti* ġiet riċentament impunjata u dikjarata bħala leżiva tad-dritt fondamentali sanċit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mogħtija nhar it-30 ta' Novembru 2022 mill-Qorti Kostituzzjonali[2] fl-ismijiet **'Sebastian Dalli v. L-Avukat tal-Istat et'**, fejn ġie ritenut hekk:

> "23. Iżda l-Qorti taqbel mal-appellat li dan bl-ebda mod ma jgħin il-pożizzjoni tal-appellanti f'din il-kawża. Ikkonsidrat li l-appellat qiegħed jilmenta dwar il-fatt li m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontra tiegħu, din il-Qorti qajla tifhem kif l-appellanti jħossu li aggravju li l-ġist tiegħu huwa li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar ser jimmilita favur tagħhom. **L-appellant lanqas ma jistgħu jinħbew f'dan ir-rigward wara d-Direttiva 2014/42/UE għaliex a kuntrarju ta' dak argumentat minnhom il-liġi Maltija mhijiex filfatt konformi ma' dak dispost f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha jkollha dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affetwata għandu jkollha possibbilita' effettiva li tikkontesta dik l-ordni. Għalhekk l-appellanti ma jistgħux jsostnu li l-liġi in kwistjoni hija konformi mad-direttiva msmmija mbagħad fl-istess nifs jgħidu li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar li nħareġ kontra tiegħu;**

[2] per S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti, Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imħallef Anthony Ellul.

24. Illi huwa assolutament infondat imbagħad l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-għan wara ordni ta' Iffriżar. Anzi l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-ħruġ ta' ordni ta' iffriżar mhuwiex fih innifsu leżiv tad-drittijiet fondamentali. Fil-fatt id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex fis-sens li ħruġ ta' dan l-ordni kien minnu nnifsu leżiv tad-drittijiet tal-appellat. **Is-sejbien ta' ksur sar mill-Ewwel Qorti wara li kkonsidrat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u partikolarment il-fatt li l-appellat m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar abbinat mad-dewmien taż-żmien fil-kawża kontra tiegħu, fatturi li l-Ewwel Qorti sabet li jwasslu għal nuqqas ta' proporzjonalita' bejn l-interess ġenerali u d-drittijiet tal-appellat;**

25. Illi l-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti li l-Qorti Kriminali żammet l-Ordni ta' Iffriżar fis-seħħ għaliex sabiet li kien ġustifikat u neċessarju fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u li dawn il-proċeduri huma intiżi sabiex issir reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni minkejja li dawn il-Qrati mhumiex Qrati ta' reviżjoni. Huwa ċar li l-qrati ordinarji m'għamlu l-ebda analiżi tal-fatt u ma ħadux kont tal-kuntest tal-kawża kif jgħidu l-appellanti. **Dan mhux b'xi nuqqas tal-Qrati odinarji iżda minħabba li hekk kif jinħareġ ordni ta' iffriżar bis-saħħa tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda proċedura disponibbli għall-akkużat biex jikkontesta dak l-ordni.** Fil-fatt, fid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Jannar 2021 (fol. 50) il-Qorti qalet ċar u tond li t-talba kienet qed tiġi miċħuda minħabba "...dak espost fil-liġi partikolarment li l-Ordni tal-Iffriżar jibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali." L-ebda raġuni msejsa fuq il-fatti jew il-kuntest tal-każ ma ngħatat mill-Qorti, fatt li manifestament jikkontradiċi dan l-argument tal-

appellanti. Minn dan għandu jsegwi wkoll li dawn il-proċeduri ma' jistgħu qatt jitqiesu li huma tentattiv ta' reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti ordinarja kompetenti." [sottolinejar tar-rikorrenti];

13. F'paragrafu 27 tal-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tisħaq hekk:

"... Agħar minn hekk, minħabba l-mod ta' kif ġiet promulgata l-liġi, **<u>hekk kif inħareġ dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi fis-seħħ mezz ta' appell biex il-persuna konċernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neċessita' li l-ordni jibqa' fis-seħħ u anzi minflokk illeġisla li l-Ordni jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni</u>."** [sottolinejar tar-rikorrenti];

14. Finalment, fis-sentenza ta' Sebastian Dalli, il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet bil-mod segwenti:

"30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat filfrattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Shorazova v. Malta (QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:

"... the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occassions, noted that although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, Cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protcol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the princple of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. [omissis] According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoglu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see

for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Dzinic, cited above §§70-82)."

31. Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari tal-każ. **Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddeterimina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużati sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra l-appellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ;**

32. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li l-appellat sofra leżjoni tad-dritt tiegħu sanċit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea." [sottolinejar tar-rikorrenti];

15. Dan il-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali japplika perfettament għaċ-ċirkostanzi tal-każ in disamina. Ir-rikorrenti

ġarrbet u qegħda ġarrab eżattament dak li ġarrab Sebastian Dalli – anzi agħar għax f'dan il-każ l-Ordni ta' Iffriżar ilu iżjed impost;

16. Fil-fatt l-Ordni ta' Iffriżar *de quo* ma ilux hemm jumejn iżda ilu hemm **<u>dsatax (19)-il sena</u>** sħaħ. Ma jeżisti ebda' mekkaniżmu sabiex jiġi limitat jew mħassar u l-uniku ħaġa li qiegħed jikkaġuna l-Ordni ta' Iffriżar illum il-ġurnata huwa inkonvenjenzi, telfien ta' qliegħ, danni u tbatijiet kbar għar-rikorrenti u familtha!

17. Għalhekk ir-rikorrenti temmen bis-sħiħ li dan il-każ jimmerita li tiġi użata l-istess riga li ġiet użata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' Sebastian Dalli u bl-istess mod riskontrat ksur tad-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tar-rikorrenti hekk kif salvagwardjat bil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja;

18. Ma hemmx dubbju li Ordni ta' Iffriżar jista' jkun oġġettivament ġustifikat **<u>fl-eventwalita' li jkun hemm Prosekuzzjoni li kapaċi tagħlaq il-każ tagħha fi żmien raġonevoli.</u>** Fil-mument li dan pero' ma jseħħx, tali Ordni jitrassforma ruħu fi strument ta' oppressjoni u dan manifestament in konflitt mal-presunzjoni tal-innoċenza in kwantu jiġi tradott f'piena antiċipata li ma tista' qatt tiġi nnewtralizzata partikolarment fl-eventalwita' li r-rikorrenti ma tiġix misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha;

19. Jiġi mfakkar li d-Direttiva 2014/42/EU stess tisħaqq u tesiġi li miżura proviżorja bħal ma hija l-Ordni t' Iffriżar ma għandhiex tibqa' fis-seħħ iktar minn kemm ikun meħtieġ. Ir-rikorrenti qegħda hawnhekk tirreferi għar-*rectial* numru (31) li testwalment jiddisponi hekk:

"(31) **<u>Minħabba li l-ordnijiet ta' ffriżar joħolqu limitazzjoni fuq id-dritt għall-proprjeta', dawn il-miżuri proviżorji m'għandhomx jinżammu fis-seħħ iktar minn kemm ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata d-disponibbilita' tal-proprjeta' fid-dawl tal-possibbilita' li tiġi kkonfiskata sussegwentement.</u>** Dan jista' ikun jeħtieġ li ssir rieżami mill-qorti sabiex jiġi żgurat li l-għan li l-proprjeta' ma tintefaqx ikun għadu validu." [sottolinejar tar-rikorrenti];

20. Il-bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak tal-Istat jirrikjedi li fejn fl-interess pubbliku liġi tipprevedi miżura ta' kontroll fuq proprjeta' privata, dik il-liġi trid tipprovdi ukoll għal ċerti salvagwardji proċedurali sabiex jiġi żgurat li t-tħaddim ta' dik il-mużira u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet tal-proprjeta' tal-persuna milquta biha, ma jkunux arbitrarji. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti għandha jdejha marbuta u l-liġi domestika ma tagħtiha ebda għodda sabiex tikkontesta' l-validita' tal-Ordni t'Iffriżar impost fuqha, liema ordni, dsatax (19)-il sena wara l-imposizzjoni tagħha, ttraduċiet ruħha f'piena konsegwenzjali mill-iżjed ħarxa.

**<u>Talbiet:</u>**

21. Għaldaqstant, fid-dawl u tas-su espost kollu, r-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li hija sofriet u/jew qegħda ssofri leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha hekk kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluż li jiġi annulat u rrevokat l-Ordni ta' Iffriżar mertu ta' din il-kawża;

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;

4. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;

5. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha ulterjuri li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament in kwantu dak li qiegħed jigi attakkat hija essenzjalment ordni maħruga minn Qorti u liġi, l-esponenti Avukat Ġenerali teċepixxi li ma hijiex il-leġittima kontraditriċi fl-azzjoni istitwita mir-rikorrenti u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu huwa ċar mir-rikors in risposta li l-azzjoni tar-rikorrenti hija biex tattakka Ordni ta' Ffriżar maħruġa mill-Qorti, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali bil-konsegwenza li ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta'

Malta. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament dan l-ilment, u dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu u bla ħsara għas-suespost, jiġi eċċepit li l-pretensjonijiet, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;

4. Illi bla ħsara għas-suespost, l-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta tlett rimedji separati għal ċirkostanzi differenti li jistgħu javveraw rwieħhom matul proċess kriminali: il-ħlas ta' kredituri *bona fide* li kellhom krediti mal-akkużat qabel il-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar, it-trasferiment ta' mobbli u immobbli għal raġuni tajba, u finalment, ir-rimedju ġenerali prospettat fis-subartikolu (3). Dan premess, ir-rikorrenti għandha turi li utilizzat dawn ir-rimedji u konkretament turi kif dawn ir-rimedji ma kienux effettivi għall-għanijiet tagħha;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu fit-talbiet qiegħda ssir referenza għall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti iwieġbu li dan l-Artikolu ma japplikax u dan peress li sabiex japplika dan l-Artikolu, irid ikun hemm teħid totali mingħajr kumpens. F'każ ta' ffriżar u qbid ta' assi hemm biss kontroll ta' użu ta' proprjeta` mhux teħid. Illi anke jekk għal grazzja tal-argument, din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeċiedi li dan l-Artikolu huwa applikabbli,

xorta waħda ma hemmx ksur ta' dan l-Artikolu u dan għar-raġunijiet kollha spjegati f'din ir-risposta;

6. Illi bla ħsara għas-suespost, sa fejn qiegħda tiġi allegata vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jeċepixxu illi dan l-artikolu Konvenzjonali jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Ċertament li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku. Skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xieraq, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Din il-miżura hija għalhekk għal kollox neċessarja għaliex ir-reati li bihom ir-rikorrenti hija mixlija u ċioe' dwar traffikar ta' droga u reati relatati huma reati serji. Tali miżura hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta' pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew egħmil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għal benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati;

7. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti ifakkru li r-rikorrenti ġiet akkużata b'reat serju ta' traffikar ta' droga u reati relatati. L-Ordni ta` iffriżar u qbid tal-assi hi miżura proviżorja ta` kontroll ta` proprjeta` sabiex tiżgura li proprjeta` li ġiet akkwistata b`attivita` illeċita li tkun twettqet b`detriment għall-komunita`, f`każ ta` sejbin ta` ħtija tkun tista' tiġi konfiskata. L-iffrizar tal-assi

jsir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jieħux benefiċċju minn tali attivita` illeċita. L-Ordni ta' ffriżar u qbid tibqa' fis-seħħ sakemm ikun hemm deċizjoni ikkunisdrata bħala *res judicata*;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, u b'żieda ma dak sueċċepit, ordni ta' ffriżar hi għodda tal-Prosekuzzjoni li sservi żewġ (2) għanijiet. <u>L-ewwel għan</u> huwa li tiżgura li fil-mument li tinħareġ, l-assi kollha tal-persuna milquta huma sekwestrati u ma jkun jista' jsir ebda trasferiment tagħhom. L-iskop ta' dan huwa manifest u ċar; kjarament hemm ħtieġa li meta persuna tiġi mixlija bit-traffikar ta' droga, hemm bżonn li tittieħed miżura kawtelatorja sabiex jiġi żgurat li r-rikavat ta' dak ir-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod jew ieħor ma jkunx aktar jista' jiġi rintraċċat. Din il-miżura hi neċessarja, imqar biex jiġi żgurat li jekk dik il-persuna tiġi misjuba ħatja, hi ma tkunx tista' xorta waħda tgawdi l-frott tal-illegalitajiet li tkun wettqet. <u>It-tieni għan</u> ta' ordni ta' ffriżar huwa sabiex jiġi żgurat li fl-eventwalità li tinstab ħtija, ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għall-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, huwa paċifiku li l-interferenza tal-Istat fuq l-użu tal-proprjetà tista' titqies bħala waħda permessibbli jekk:

    a. Il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;

    b. L-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan leġittimu;

c. Il-miżura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

10. Illi bla ħsara għas-suespost, fil-każ odjern ma hemm ebda dubju li l-ordni ta' iffriżar inħarġet taħt qafas legali u li hija fl-interess ġenerali ossia, il-ġlieda kontra reati ta' droga. In kwantu għall-proporzjonalità, ir-rikorrenti għandha diversi rimedji għad-dispożizzjoni tagħha. Fis-sentenza ta' ***Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali***[3], din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta osservat:

> *"Illi jrid jingħad li l-artikolu 22A tal-Ordinanza jagħti lill-parti milquta minn Ordni ta' sekwestru jew iffriżar tal-ġid tiegħu rimedji li bihom tista' titlob lil qorti biex tħalliha tittrasferixxi ġid mobbli jew immobbli maqbud b'ordni bħal dak. Dak ir-rimedju jgħodd ukoll meta l-persuna tkun għadha għaddejja minn proċeduri kriminali u ma tkunx għadha ngħatat sentenza dwar il-ħtija tax-xiljiet li jkunu sarulha. Minħabba f'hekk, jidher li din il-possibilità toħloq l-element ta' proporzjonalità bejn l-interessi tal-ġustizzja u dak pubbliku in ġenerali u l-interessi tal-persuna mixlija li ħwejjiġha jkunu l-oġġett ta' ordni bħal dak."*

11. Illi bla ħsara għas-suespost, l-Ordni ta' ffriżar u qbid in diżamina ħarġet skont id-disposizzjonijiet tal-liġi u għal għan leġittimu li hija l-protezzjoni tas-soċjeta' in ġenerali. Illi r-rikorrenti m'hijiex qiegħdha isofri piż eċċessiv u sproporzjonat u dan anke tenut kont tal-ħsara li l-attivita'

---

[3] Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Ottubru, 2019.

kriminali in kwistjoni tagħmel lis-soċjeta', l-interess ġenerali għandu jipprevali fuq dak tar-rikorrenti li tiddisponi u/jew tagħmel użu mill-assi tagħha;

12. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qiegħda tagħmel referenza li l-proċeduri ilhom pendenti, u ċioe' għal dsatax-il sena, l-esponenti iwieġbu li hija r-rikorrenti li kienet qegħdha u għadha sal-lum ittawwal il-proċeduri penali, u dan hekk kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri odjerni. Konsegwentement, l-ilment li l-Ordni ta' iffriżar ilha fis-seħħ il-fuq minn dsatax-il sena ma huwiex imputabbli lill-esponenti. B'żieda ma dan, il-fatt li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti ilhom għaddejjin, dan ma jwassalx għal xi illegalita' fl-Ordni maħruġ jew li jxejnu s-siewi li kellu meta nħareġ;

13. Illi stante li ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

14. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li ssib ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti, dikjarazzjoni tkun suffiċenti u ma hemmx lok għal għoti ta' kumpens u danni;

15. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu t-tieni talba u ċioe' fejn din l-Onorabbli Qorti intalbet sabiex tannulla u tirrevoka l-Ordni ta' ffriżar mertu tal-proċeduri kriminali, l-esponenti iwieġbu li din it-talba hija infondata u għandha ukoll tiġi miċħuda. F'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li tilqa' din it-talba, dan ikun qiegħed

ixekkel l-għanijiet li għalihom inħarġet l-Ordni ta' ffriżar u qbid.

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.'

Rat illi fil-verbal datat 20 ta' Frar, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ilment kostituzzjonali odjern ir-rikorrenti Graziella Attard tilmenta li sa minn meta hija giet imressqa b'akkuzi relatati mad-droga gie impost ordni ta' ffrizar fuqha, liema ordni ilu issa pendenti dstatax-il sena (19) u li l-ligi ma taghtix rimedju sabiex ir-rikorrenti b'xi mod tvarja jew tnehhi tali ordni nonostante wkoll it-tul ta' zmien li qed jiehdu l-proceduri krmiinali. Ssostni ghalhekk li din il-ligi hija nieqsa mill-proporzjonalita' w'ghalhekk bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti titlob li din il-Qorti tiddikjara il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha skont l-artikoli msemmija u li tinghata r-rimedji opportuni.

Illi da parti taghhom l-intimati, apparti l-eccezzjoni preliminari dwar il-legittimu kontradittur tal-Avukat Generali, jsostnu li l-

mizura fil-kaz tar-rikorrenti, li hija akkuzata b'reati gravi relatati mad-droga, huma gustifikati u ragonevoli fl-ahjar interess tas-socjeta' w'ghalhekk m'hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali. Jsostnu wkoll li r-rikorrenti naqset milli tusufruwixxi mir-rimedji ordinarji fil-ligi w'ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex tezercita' l-poteri kostituzzjonali taghha. Jeccepixxu wkoll li dwar l-allegat dewmien kienet dejjem ir-rikorrenti li tul is-snin tawlet dawn il-proceduri w'ghalhekk dan m'ghandux jigi favur taghha. Jitolbu ghalhekk li din il-Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Il-Qorti rat li r-rikorrenti bhala provi fl-atti odjerni ressqet unikament il-process tal-procedura kriminali u xejn aktar. L-istess rikorrenti lanqas ghazlet li tixhed jew li b'xi mod turi li din il-Qorti kif l-ordni ta' ffrizar in kontestazzjoni seta' affettwha hazin tul id-dsatax-il sena (19) li ilu in vigore.

Rat l-atti kollha tal-process kriminali annessi.

Rat li l-intimati wkoll strahu unikament fuq l-atti tal-process kriminali bhala provi fl-atti odjerni.

**Legittimu kontradittur:-**

Illi l-intimat Avukat Generali fl-ewwel eccezzjoni jsostni li mhux il-legittimu kontradittur stante dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoi u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.)

Illi din il-Qorti taqbel li skont l-artikolu kkwotat kellu jkun principalment l-Avukat tal-Istat li jigi mharrek fil-kawza odjerna stante li huwa jirraprezenta l-Istat. Illi din il-Qorti izda ma taqbilx

li l-Avukat Generali fl-atti odjerni mhux il-legittimu kontradittur stante li huwa l-Avukat Generali li qed imexxi l-proceduri fil-Qorti Kriminali fil-konfront tar-rikorrenti w'ghalhekk, f'kaz li din il-Qorti tordna xi rimedju (*dato ma non concesso*) li b'xi mod jaffettwa dawk il-proceduri, jkun l-Avukat Generali li jrid jassigura li tali rimedju jigi applikat apparti l-Qorti li qed tisma' l-atti kriminali. In vista ta' dan il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

**Non-esawriment tar-rimedji ordinjarji:-**

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha in vista tal-ordni ta' ffrizar impost fuqha u li ilu vigenti ghall-perjodu ta' madwar dsatax-il sena (19). Ghalkemm verament jezistu rimedji ordinarji ghal dak li huwa varjazzjoni tal-ordni ta' ffrizar tant li mill-atti kriminali jirrizulta li r-rikorrenti ghamlet diversi drabi rikors ghall-istess, dawn ir-rimedji ma jistghu qatt iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali stante li hija din il-Qorti fil-sede kostituzzjonali taghha li ghandha l-poter li tiddeciedi dwar l-istess. Huwa ghalhekk car li din l-ecezzjoni mqajjma mill-intimati mihiex gustifikata u qed tigi michuda.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mir-rikorrenti li l-Ordni ta' Iffrizar ghandu jservi sabiex izomm lil dak li jkun milli jiddisponi jew xort'ohra jgawdi minn rikavat derivanti mir-reati li bihom huwa jkun mixli u li m'ghandux per se jservi bhala mizura punittiva fil-konfront tal-akkuzat.

Illi r-rikorrenti fis-sottomissjonijiet taghha wara li taghmel referenza ampja ghad-decizjoni tal-Qorti ta' Strasburgu zzid illi:

'36. Abbracjati dawn is-siltiet gurisprudenzjali tal-Qorti ta' Strasburgu, il-bilanc bejn l-interess generali u dak tal-Istat jirrikjedi li fejn fl-interess pubbliku tal-ligi tipprevedi mizura ta' kontroll fuq proprjetà privata, dik il-ligi trid tipprovdi ukoll ghal certi salvagwardji procedurali sabiex jigi zgurat li t-thaddim ta dik il-mizura u l-impatt taghha fuq id-drittijiet tal-proprieta tal-persuna milquta biha, ma jkunux arbitrarji.

37. Fil-kaz odjern, ir-rikorrent ghandha jdejha marbuta u l-ligi domestika ma taghtiha ebda ghodda sabiex tikkontesta' l-validita tal-Ordni t'Iffrizar impost fuqha, liema ordni, kwazi ghorin (20) sena wara l-imposizzioni taghha, traduciet ruhha f'piena konsegwenzjali mill-izjed harxa.'

Ir-rikorrent taghmel ukoll referenza ghall-kunsiderazzjonijiet u decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-**ismijiet Sebastian Dalli vs. L-Avukat tal-Istat et. moghtija fit-30 ta' Novembru, 2022** fejn effettivament il-ligi attakkata mir-rikorrenti fil-kaz odjern giet dikjarata l-eziva tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif isegwi:

'23. *Iżda l-Qorti taqbel mal-appellat li dan bl-ebda mod ma jgħin il-pożizzjoni tal-appellanti f'din il-kawża. Ikkonsidrat li l-appellat qiegħed jilmenta dwar il-fatt li m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontra tiegħu, din il-Qorti qajla tifhem kif l-appellanti jħossu li aggravju li l-ġist tiegħu huwa li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar ser jimmilita favur tagħhom. L-appellant lanqas ma jistgħu jinħbew f'dan ir-rigward wara d-Direttiva 2014/42/UE għaliex a kuntrarju ta' dak argumentat minnhom il-liġi Maltija mhijiex fil-fatt konformi ma' dak dispost f'din id-Direttiva. Din*

*id-Direttiva tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha jkollha dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affetwata għandu jkollha possibilità effettiva li tikkontesta dik l-ordni. Għalhekk l-appellanti ma jistgħux isostnu li l-liġi in kwistjoni hija konformi mad-direttiva msemmija imbagħad fl-istess nifs jgħidu li lappellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar li nħareġ kontra tiegħu.*

*24. Huwa assolutament infondat imbagħad l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-għan wara ordni ta' iffriżar. Anzi l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-ħruġ ta' ordni ta' iffriżar mhuwiex fih innifsu leżiv tad-drittijiet fondamentali. Fil-fatt id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex fis-sens li l-ħruġ ta' dan l-ordni kien minnu nnifsu leżiv tad-drittijiet tal-appellat. Is-sejbien ta' ksur sar mill-Ewwel Qorti wara li kkonsidrat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u partikolarment il-fatt li l-appellat m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar abbinat mad-dewmien taż-żmien fil-kawża kontra tiegħu, fatturi li l-Ewwel Qorti sabet li jwasslu għal nuqqas ta' proporzjonalitá bejn l-interess ġenerali u d-drittijiet tal-appellat.*

*25. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti li l-Qorti Kriminali żammet l-Ordni ta' Iffriżar fis-seħħ għaliex sabet li kien ġustifikat u neċessarju fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u li dawn il-proċeduri huma intiżi sabiex issir reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni minkejja li dawn il-Qrati mhumiex Qrati ta' reviżjoni. Huwa ċar li l-qrati ordinarji m'għamlu l-ebda analiżi tal-fatt u ma ħadux kont tal-kuntest tal-kawża kif jgħidu l-appellanti. Dan mhux b'xi nuqqas tal-Qrati ordinarji iżda minħabba li hekk kif jinħareġ ordni ta' iffriżar bis-saħħa tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda proċedura disponibbli għall-akkużat biex jikkontesta dak l-ordni. Fil-fatt, fid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Jannar 2021 (fol. 50) il-Qorti qalet ċar u tond li t-talba kienet qed tiġi miċħuda minħabba "…dak espost fil-liġi partikolarment li l-Ordni tal-Iffriżar jibqa' fis-seħħ sassentenza finali." L-ebda raġuni msejsa fuq*

*il-fatti jew il-kuntest tal-każ ma ngħatat mill-Qorti, fatt li manifestament jikkontradiċi dan l-argument talappellanti. Minn dan għandu jsegwi wkoll li dawn il-proċeduri ma' jistgħu qatt jitqiesu li huma tentattiv ta' reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti ordinarja kompetenti.*

*26. Anke l-argument magħmul mill-appellanti fis-sitt aggravju fis-sens li wieħed jista' jitkellem dwar ksur ta' dritt biss meta jiġi mneżża' minn dak id-dritt huwa kompletament żbaljat. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jitratta wkoll sitwazzjonijiet fejn ikun hemm kontroll tal-użu tal-possedimenti tal-individwu. Il-Qorti tirrileva fil-fatt li din il-Qorti diġà sabet saħansitra li anke l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli meta jsir ilment dwar Ordni ta' Iffriżar tal-assi tal-akkużat għaliex "[i]l-ius abutendi – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjetà – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjetà. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta' interess fi proprjetà, u jintlaqat mill-Art. 37." Fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-applikabilitá tiegħu fil-kuntest tal-iffriżar ta' assi ta' imputat pendenti l-proċeduri kriminali kontra tiegħu, il-Qorti Ewropea qalet ċar u tond li "…the seizure of property for legal proceedings normally relates to the control of the use of property, which falls within the ambit of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention."3 M'hemmx dubju għalhekk li dan l-argument tal-appellanti huwa priv minn kwalunkwe fondament ġuridiku.*

*27. Il-Qorti tosserva li mill-atti assolutament ma jirriżultax li hemm relazzjoni ta' proporzjonalita bejn l-ordni ta' iffriżar in kwistjoni u l-ordni ta' konfiska li jista' eventwalment ikun meħtieġ fil-każ li l-appellat jinstab ħati. Għalkemm l-appellanti jgħidu li peress li l-kawża kontra l-appellat ma tirrigwardax ħasil ta' flus l-ammont li jista' jkun suġġett għall-konfiska mhuwiex stabbilit, il-Qorti tosserva li f'każi rigwardanti traffikar ta' droga huwa possibbli li espert maħtur mill-Qorti jagħti stima tal-valur tad-droga maqbuda, kif fil-fatt isir kemm-il darba. F'dan il-każ*

*dan qatt ma seħħ fit-tlettax-il sena li l-Ordni ta' Iffriżar ilu fis-seħħ, u għalhekk jekk m'hemmx ammont kwantifikat li jista' jkun suġġett ta' konfiska dan mhuwiex ħlief tort ta' nuqqas min-naħa tal-Avukat Ġenerali. Oltre dan il-Qorti tosserva li d-'droga' ġiet interċettata mill-pulizija u għalhekk qatt m'għaddiet f'idejn u ġiet mibjugħa mill-appellat. Aktar minn hekk, mir-rapport tal-espert forensiku maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti rriżulta li s-sustanza li ġiet maqbuda mill-pulizija lanqas biss hija sustanza illeċita. Dan il-fatt kien magħruf sa minn qabel mal-prosekuzzjoni ressqet lill-appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u minkejja dan xorta waħda talbet il-ħruġ ta' ordni ta' iffriżar fil-konfront tal-assi kollha tal-appellat. Agħar minn hekk, minħabba l-mod ta' kif ġiet promulgata l-liġi, hekk kif inħareġ dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi fis-seħħ mezz ta' appell biex il-persuna konċernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neċċessitá li l-ordni jibqa fis-seħħ u anzi minflok illeġisla li l-Ordni jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Džinić v. Croatia (QEDB, 17/05/2016) fejn instabet leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea proprju għaliex:*

*"…the impugned seizure of the applicant's real property in the context of the criminal proceedings at issue, although in principle legitimate and justified, was imposed and kept in force without an assessment of whether the value of the seized property corresponded to the possible confiscation claim. The Court therefore finds that the application of such a measure was not adequate to demonstrate that a requirement of "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 was satisfied." ….*

*….. 30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie*

*mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat filfrattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza flismijiet Shorazova v. Malta (QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:*

*"…the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. [omissis] According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd*

*and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82)."*

*31. Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari tal-każ. Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużat sanċiti permezz talArtikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra lappellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*32. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li l-appellat sofra leżjoni tad-dritt tiegħu sanċit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.'*

Illi din il-Qorti izda tirrileva wkoll li f'kaz li l-akkuzat jirrizulta li jkum iddispona mir-rikavat derivanti mill-att kriminali ,l-Istat xorta wahda jkoll jibqalu d-dritt li jirkupra l-ekwivalenti mill-proprjeta' rimanenti tal-akkuzat mal-kundanna, ghaldaqstant l-ordni ta' ffrizar logikament ma jistax ikun limitat biss ghal fondi diretti derivanti mill-att kriminali izda ohrajn li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-istess.

Illi da parti taghhom l-intimati jissottomettu li fl-atti odjerni hemm assenza assoluta ta' provi u jsostnu fil-fatt dak li gia kkummentat din il-Qorti, li r-rikorrenti naqset milli tixhed quddiemha jew tipprezenta affidavit sabiex tispjega kif giet pregudikata bil-hrug tal-Ordni ta' ffrizar. Jinsistu ghalhekk li din il-Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Illi fil-fatt din il-Qorti tinnota li r-rikorrenti lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ma ghamlet referenza ghal xi partijiet tal-proceduri kriminali minn fejn din il-Qorti setghet forsi tislet xi fatti li jistghu jevidenzjaw il-pregudizzju u l-lezjoni allegatament sofferta minnha konsegwenza tal-ligi msemmija.

Illi l-Qorti rat fl-atti kriminali li, ghall-kuntrarju ta' kazijiet ohra li din il-Qorti u Qrati ohra kellhom l-okkazzjoni li jiddeciedu fuqhom, ir-rikorrenti odjerna fl-atti kriminali ghal diversi drabi kellha l-okkazzjoni li tintavola rikors sabiex jigi varjat l-ordni ta' ffrizar partikolarment fir-rigward tal-kontijiet tal-bank taghha b'dana li fil-kaz tar-rikorrent dawn ir-rikorsi rnexxew u l-ordni ta' ffrizar gie varjat favur l-istess rikorrenti.

Illi jirrizulta lill-Qorti li kien hemm okkazzjoni fejn wara rikors lill-Qorti dik il-Qorti rrifjutat li tillibera l-proprjeta parafernali tar-rikorrenti. Fil-fatt din il-Qorti taqbel mar-ragunament ta' dik il-Qorti f'dak il-kaz stante li kif gia inghad f'kaz li jirrizulta li dak derivanti mill-attivita' kriminali gie minfuq jew m'ghadux fid-disposizzjoni tal-akkuzata allura l-Istat ghandu l-jedd li jdur fuq proprjeta' ohra tal-akkuzat. Fuq kollox il-jedd li xorta wahda thaddem il-proprjeta' parafernali ma giex kompletament eskluz fid-digriet ta' dik il-Qorti izda dik il-Qorti specifikat l-eventwalitajiet li tali talba kienet tigi kkunsidrat b'mod favorevoli.

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti ma tistax ma taccettax l-argument tar-rikorrenti li effettivament l-ordni ta' ffrizar certament ikkrea certu ostakli lilha sabiex topera l-assi taghha liberament izda minn dak li rat din il-Qorti mill-atti, f'dan il-kaz partikolari, r-rikorrenti wkoll inghatat ampja opportunita' li tvarja l-ordni ta' ffrizar a favur taghha. Kif inghad, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova u lanqas identifikat xi parti mill-provi fl-atti kriminali li jistghu juru lil din il-Qorti kif l-ordni ta' ffrizar tant affettwha li sehh ksur tad-dritt fundamentali taghha taht l-artikoli msemmija. Din il-Qorti tqis li mhux bizzejjed li r-rikorrenti titlob l-allegazzjoni tal-proceduri kriminali minghajr ma tiprova taghti spjegazzjoni b'referenzi ghall-istess ghalfejn tqis li d-drittijiet taghha gew lezi f'dawk il-proceduri. Il-Qorti rat li lanqas fis-sottomissjonijiet taghha r-rikorrent ma ghamlet l-ebda access ghall-kaz partikolari taghha izda strahet biss fuq gurisprudenza li mhux neccessarjament tikkontempla l-istess fatti specie tal-kaz taghha.

Illi l-Qorti tqis li mhux xoghol din il-Qorti li toqghod iddur hi kelma b'kelma l-atti kriminali, minghajr direzzjoni ta' xejn da parti tar-rikorrenti, sabiex b'xi mod issib xi att jew omissjoni li jista' jkun bi ksur tad-dritt fundamentali msemmija.

**Konkluzjoni:**

Illi in vista tan-nuqqas palesi ta' provi li jistghu iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra favorevolment l-ilment tar-rikorrenti, din il-Qorti tqis li jkun inutli li tidhol fl-argumenti l-ohra u l-eccezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-intimati w'ghaldaqstant, f'dan il-kaz, din il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti ma giex sufficjentement ppruvat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din l-Qorti ser tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-ilment kostituzzjonalli odjern billi tichad l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur u tan-non ezawriment tar-rimedji ordinarji u tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti stante li mhux sufficjentement ippruvati.

In vista li gew michuda zewg eccezzjonijiet tal-intimati r-rikorrenti ghandha tbaghti 2/3 tal-ispejjez filwaqt li l-intimati ghandhom jaghmlu tajjeb ghal 1/3 tal-ispejjez.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Gunju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2024**